***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis 8 ta' Novembru 2018.**

**Rikors Numru: 1697/2018/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1697/2018/LSO fl-ismijiet:-**

**Bank of Valletta p.l.c.(C2833)**

**vs**

**Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited (C5002)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) datat 19 ta' Ottubru 2019 fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament:-

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari:

a) Il-garaxx indikat mhux ufficjalment bin-numru wiehed (1) sottopost ghall-*flat* numru wiehed (1), formanti parti minn blokk t'appartamenti u zewg *garages* sottoposti maghruf bhala Howard Building Block A, f' Service Road li taghti fuq Pioneer Road, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, imiss mil-Lvant mal-imsemmija Triq it-Tramunana ma' beni tal-venditur u Punent ma' beni ta' Gatt Bros (Mosta) Limited jew *aventi causa* taghhom bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu.

b) (i) il-*basement garage* u (ii) l-*garage* sovvrapost, liema *garage* hu maghruf bin-numru wiehed (1) f' Xintill Street, Tarxien, kantuniera ma' triq bla isem, bla isem u bla numru,

sottopost il-*basement garage* ghal mezzanin u ghal sitt *garages* li wiehed minnhom hu l-*garage* numru wiehed (1) hawn imsemmi, filwaqt li l-istess *garage* numru wiehed (1) hu sottopost ghall-mezzanin u ghall-*basement garage,* kif soggett ghas-servitujiet naxxenti mill-pozizzjoni tieghu, konfinanti minn Nofsinhar ma' Triq Xintill mill-Punent ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mil-Lvant ma' triq bla isem.

1. Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 21 ta' Dicembru 1999 (Dok "A"), l-intimata ddikjarat ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' tmin mija u hdax-il elf, tmin mija u hamsa u tletin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€811,835.54).

2. Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimata ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

3. Illi d-debitu tal-intimata llum jammonta ghal zewg miljuni, sitta u ghoxrin elf, seba' mija u sitta u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€2,026,786.36) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2018 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2").

Illi, jekk l-intimata, tghaddi biex titrasferixxi l-immobbli fuq imsemmi, il-kreditu tal-esponenti ser jigi eluz.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tat-23 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-8 ta' Novembru 2018, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Mexico Garage Rent-A-Car Compnay Limited datata 1 ta' Novembru 2018.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-8 ta' Novembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Dominic Cassar ghall-Bank attur rapprezentat fl-Awla minn Rose Cortis. Deher Dr Kris Borg ghas-socjeta` intimata, rapprezentata fl-Awla minn Louis Pace. Il-Qorti rat ir-risposta pprezentata. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

**Ikkonsidrat** li permezz tar-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fl-1 ta' Novembru 2018, l-istess intimata ddikjarat li mhix qed toggezzjona ghat-talba filwaqt li, ghalkemm taqbel li hija debtrici tal-Bank rikorrent f'ammont in eccess ta' €11,646.86, ma taqbilx li l-kreditu tal-Bank jammonta ghas-somma likwidata ghall-fini tal-mandat.

Illi rat li l-Bank esebixxa abbozz shih tan-nota ta' Iskrizzjoni skont il-Ligi;

Rat ukoll li l-mandat inhareg skont ir-rekwiziti **tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## II. DECIDE.

Ghaldaqstant *in visto* tar-risposta tas-socjeta' ezekutata, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi fir-rigward tal-proprjetajiet deskritti fir-rikors.

L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' intimata.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**8 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Novembru 2018**